32004D0769

L 341/24 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 17.11.2004

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-26 ta' Lulju 2004

## li taħtar membru Ġermaniż u membru supplenti Ġermaniż tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2004/769/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Ġermaniż,

Billi:

(1) fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta Deċiżjoni li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

(2) sar vakanti post ta' membru tal-Kumitat tar-Reġjuni wara r-riżenja tas-Sinjur Axel ENDLEIN, notifikata lill-Kunsill fis-7 ta' Lulju 2004, u sar vakanti post ta' membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni wara n-nomina tas-Sinjur Peter WINTER biex ikun membru sħiħ,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

(a) Is-Sinjur Peter WINTER,
Landrat Kreis Saarlouis
huwa b'dan maħtur bħala membru minflok is-Sinjur Axel ENDLEIN;

(b) Is-Sinjur Helmut JAHN,
Landrat
huwa b'dan maħtur bħala membru supplenti minflok is-Sinjur Peter WINTER,

għall-bqija tat-terminu tal-mandat tagħhom, li jkompli sal-25 ta' Jannar 2006.

Magħmula fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. R. BOT

---

([1]) ĠU L 24, tas-26.1.2002, p. 38.